MINISTERU
TA' L-EDUKAZZJONI

MINISTRY
OF EDUCATION

MALTA

**MOEDPR 085/01**

**Press Handout** **13/08/01**

## KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Bħala pass konkret biex diversi inizjattivi favur il-Ktieb Malti jitwettqu b'mod aktar effettiv, inħasset il-ħtieġa li jinġabru taħt struttura waħda. Għaldaqstant il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Louis Galea ħabbar it-twaqqif tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, taħt il-presidenza ta' Dr.Philip Farrugia Randon. Il-Kunsill il-ġdid issa se jwettaq ix-xogħol li s'issa kien isir minn żewġ kumitati, il-Kumitat dwar il-Fiera tal-Ktieb u l-Kumitat dwar il-Premju Letterarju.

Waqt il-konferenza li ndirizza l-Ministru Louis Galea tħabbru t-termini ta' referenza li fuqhom se jkun qed jiffunzjona l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Fost ir-responsabbiltajiet hemm inkluz li jrid jitfassal pjan strateġiku biex tissaħħaħ il-qagħda tal-ktieb lokali sew jekk miktub bil-Malti, bl-Ingliż jew b'xi lingwa oħra, u li jieħu dawk l-inizjattivi neċessarji biex il-ktieb lokali jinkwadra ruħu kif jixraq fil-qafas elettroniku ta' żmienna.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jkun qed jorganizza u jamministra l-Premju Letterarju annwali, li għalieħ il-Gvern jivvota Lm 10,000 fis-

IL-FURJANA, MALTA
TEL : 242759, 25982512, 25982513 FAX : 242759

sena. Il-Kunsill se jkun inkarigat jorganizza, b'mod innovattiv u aġġornat, il-Fiera tal-Ktieb, li wkoll issir kull sena. Skond it-termini li ngħata, il-Kunsill se jfittex il-mezzi lokali u barranin biex il-Ktieb Malti jilħaq pubbliku internazzjonali permezz ta' skemi ta' traduzzjoni. Il-Kunsill hu marbut li jaħdem għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' l-awtur lokali u li jinkoraġġixxi awturi ġodda li jwasslu x-xogħlijiet tagħhom għall-attenzjoni tal-pubbliku.

B'kollaborazjoni mal-Kunsilli Lokali, l-iskejjel u entitajiet oħra, fosthom l-għaqdiet letterarji, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jkun qed jaħdem biex jorganizza l-attivitajiet biex il-qasam tal-ktieb jingħata dimensjoni usa' u aktar interattiva.

Taht il-presidenza ta' Dr. Philip Farrugia Randon, l-ewwel Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hu ffurmat mis-Sur Joseph Debattista bħala segretarju, is-Sur George Borg, is-Sur Philip Borg, is-Sinjura Miriam Cremona, is-Sur Victor Fenech, is-Sur Charles Flores, is-Sinjorina Patricia Gatt, Dr. Anthony Mangion, is-Sinjura Marlene Mifsud Chircop, is-Sur Paul Mizzi,, is-Sur Louis Scerri, Dr. Mario Tabone, is-Sinjura Catherine Vella u s-Sur Trevor Zahra.

Il-Ministru Louis Galea qal li l-proġetti favur il-ktieb u l-qari għandhom jingħataw ħafna aktar importanza f'pajjiżna. Bis-saħħa ta' diversi

organizazzjonijiet, Malta żviluppat diversi djar editriċi li żiedu n-numru u l-kwalita' ta' publikazzjonijiet f'lingwi diversi. Louis Galea fisser li l-inizjattivi li inbdew xi snin ilu - il-Fiera tal-Ktieb u l-Premju Letterarju jeħtieġ jiġġeddu u jingħataw spinta ġdida. Barra minn hekk hemm ħidma oħra li jeħtieġ issir biex il-poplu jsir aktar konxju tas-sbuħija tal-kotba u biex il-kotba u l-qari jinżlu u jinfirxu fil-livelli kollha tas-soċjeta'

# Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

## Termini ta' Referenza

1. ifassal pjan strateġiku biex tittejjeb il-qagħda tal-Ktieb Malti,
2. jinkoraġixxi awturi ġodda jippreżentaw ix-xogħol tagħhom lill-pubbliku;
3. jaħdem għall-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u morali ta' l-awtur Malti;
4. jorganizza attivitajiet meħtieġa f'diversi lokalitajiet tul is-sena biex titqanqal kuxjenza ħajja dwar il-valur tal-kotba u tal-qari;
5. jaħdem id f'id mal-Kunsilli Lokali sabiex jiġi popolarizzat il-qari f'kull forma, sew dik tradizzjonali u sew dik fil-qasam elettroniku;
6. jikkordina attivitajiet mad-Dipartimenti u aġenziji pubbliċi u privati fl-oqsma ta' l-arti, kultura, edukazzjoni, kotba u media sabiex jiġu mgħejjuna u nkoraġġiti awturi, drammaturgi u kompożituri Maltin ġodda ħalli l-ktieb Malti jżid fil-popolarita' f'kull forma u fi kwalunkwe qasam tal-ħajja Maltija,
7. permezz tat-teknoloġija ta' l-informatika kif ukoll b'mezzi tradizzjonali jħaddem servizz ta' informazzjoni dwar il-Ktieb Malti biex il-qarrej Malti jkun aktar infurmat dwar l-awturi tiegħu u b'hekk jinbena pont sod bejn il-pubbliku Malti u l-awturi;
8. jorganizza u jamministra l-Premju Letterarju;
9. jorganizza u jamministra l-Fiera tal-Ktieb;
10. jesplora l-mezzi lokali u dawk barranin biex il-Ktieb Malti jilħaq pubbliku internazzjonali permezz ta' skemi ta' traduzzjoni, u bl-istess mod iwassal xogħlijiet barranin għall-attenzjoni ta' pubbliku usa' f'Malta.